ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

28 FEB 2024

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 590**

**It-Tnejn 29 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna – Kunsillier

**ASSENTI**

Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**590.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

590.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna jkun skużat.

**590.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

590.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 589.3.8 u minflok il-kelma 'ix-Xgħajra' tidħol il-kelma 'is-Santwarju' u minflok 'l-parti t'isfel tat-triq' jidħol il-kliem 'Triq is-Santwarju'. Il-minuti tal-589 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

590.2.2 Is-Sindku irrefera għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq u qal li l-kumitat iddiskuta l-proposti biex iż-żewġ toroq li jmissu ma' Triq il-Kappuċċini li jiffurmaw parti minn Trejqet San Franġisk, jissemmew bħala Trejqet San Franġisk Nru 1 u Trejqet San Franġisk Nru 2. Il-kumitat jaqbel li waħda għandha tibqa' msemmija bħala Trejqet San Franġisk u l-oħra jinsabilha isem ieħor peress li ż-żewġ trejqiet tidħol għalihom minn Triq il-Kapuċċini. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-sezzjoni bejn Triq il-Kappuċċini u Triq il-Farfett tal-Fejġel, fuq in-naħa tal-lemin, għandha tkun uffiċjalment imsemmija 'Trejqet San Franġisk u l-isqaq li hemm fuq in-naħa tax-xellug, is-sezzjoni korrispondenti, għandha tingħata l-isem 'Trejqet San Luigi'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien għadu ma ssottomettix l-applikazzjoni relatata mal-isem ta' Triq Karmenu Bonavia minħabba li kien jonqos ic-CV tal-mibki, is-Sur Karmenu Bonavia.

590.2.3 Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet tal-karnival u ssuġġerixxa biex għal din is-sena l-programm tal-karnival isir it-Tnejn 12 ta' Frar, 2024 filgħaxija. Is-Sindku ppropona li l-kumpanija *Leon Promotions* tkun responsabbli mill-organizzazzjoni tal-Karnival. Is-Sindku spjega li l-programm ser jibda fis-6.00 ta' filgħaxija u l-programm jinkludi sfilata li ser tibda minn Triq is-Santwarju maġenb il-monument ta' Agatha Barbara, maskri grotteski, is-sehem ta' diversi skejjel taż-żfin bil-kostumi karnivaleski, parata bil-banda Brażiljana *Batuca Beat Band,* kif ukoll makjetti u *sketches* komiċi. Is-Sindku spjega li l-ispiża tal-attività tal-karnival ser tammonta għal €3,720. Is-Sur Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività tal-karnival u li l-kumpanija *Leon Promotions* tkun responsabbli mill-organizzazzjoni tal-karnival. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien ser jitlob rimbors lir-Reġjun Port permezz tal-'Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal'.

590.2.4 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva talba mill-Kulleġġ Santa Margerita Skola Primarja A sabiex tiġi organizzata kompetizzjoni għat-tfal bil-kollabarozzajoni tal-Kunsill. Is-Sindku ppropona li jinxtraw sitt kotba sabiex jingħataw bħala premji għal din il-kompetizzjoni. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din il-kompetizzjoni bil-kollaborazzjoni tal-Kulleġġ Santa Margerita Skola Primarja A u jixtri l-kotba għar-rebbieħa.

590.2.5 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġu organizzati żewġ attivitajiet; il-Kunċert ta' Ħadd in-Nies nhar is-Sibt 17 ta' Marzu, 2024 u l-*peagent* 'L-Erbgħa tat-Tniebri' nhar l-Erbgħa 27 ta' Marzu, 2024. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-*peagent* 'L-Erbgħa tat-Tniebri' u l-Kunċert ta' Ħadd in-Nies flimkien mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża għaż-żewġ attivitajiet għandha tkun ta' €2,000 VAT inkluż.

590.2.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li waqt laqgħa tar-Reġjun Port ġew diskussi l-fondi għall-infurzar li jistgħu jiġu utilizzati waqt l-attivitajiet fil-lokal u qal li l-Kunsill Lokali tax-Xgħajra kien aċċetta li jgħaddi l-fondi li ma jintużawx minn naħa tagħhom lill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill kienx ser japprova li l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel tuża l-iskema tal-Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal. Is-Sindku wieġeb li dawn il-fondi kienu allokati sa Ġunju u li l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel diġa kienet utilizzat il-fondi kollha.

590.2.7 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li f'Jum Ħadd in-Nies, il-Grupp Armar tal-Festa ser jorganizzaw il-*Military Car Show* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku qal li l-Grupp Armar tal-Festa kienu talbu li din l-attività tittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u li jutilizzaw il-fondi tal-iskema Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal f'każ li jkun hemm bżonn. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Grupp Armar tal-Festa jutilizzaw il-fondi tal-iskema Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal f'każ li jkun hemm il-bżonn.

590.2.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-wirja tal-presepju li saret fi Triq Espeditu Catania kienet ġiet organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u qal li l-ispejjeż relatati mal-bibita li saret matul din l-okkażjoni kienet ser titħallas mill-Kunsill u wara jintalab rimbors lir-Reġjun Port għal din l-ispiża mill-iskema Fondi għall-Infurzar għall-Attivitajiet Kulturali. Is-Sindku żied jgħid li anke l-ispiża relatata mal-*PA system* matul l-attività Merħba lix-Xitwa kienet ser titħallas ukoll permezz tal-iskema Fondi għall-Infurzar għall-Attivitajiet Lokali.

590.2.9 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet li kienu qed isiru mill-Korporazzjoni Enemalta u qal illi kienu għaddejin b'ritmu mgħaġġel. Is-Sindku semma xi wħud mill-inkonvenjenzi li kien qed ikollhom is-sidien tal-garaxxijiet minħabba dawn ix-xogħlijiet u dwar inkonvenjent li nħoloq għat-traffiku.

590.2.10 Is-Sindku tkellem dwar l-inkonvenjenza tat-traffiku li kien qed ikun hemm fl-entratura tal-lokalità u qal li s-Sibt li għadda kienet ingħalqet Triq is-Santwarju sabiex isir xogħol fil-każin tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Is-Sindku spjega li minkejja li jifhem li dawn ix-xogħlijet iridu jsiru, il-Kunsill talab biex dawn ix-xogħlijiet isiru f'ħinijiet differenti minħabba li kien hemm diversi xogħlijiet għaddejjin fil-lokalità li jinkludu fost oħrajn xogħlijiet infrastrutturali fi Triq il-Kbira, xogħlijiet fir-*roundabout* li hemm bejn Triq Bormla u Triq tal-Labour, xogħlijiet fl-entratura li hemm minn Triq San Leonardu li tagħti għall-Kalkara u fl-entratura minn naħa tax-Xgħajra lejn Smart City fejn it-toroq kienu magħluqa kompletament, xogħlijiet fi Triq ix-Xgħajra fid-direzzjoni lejn iċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar mill-Korporazzjoni Enemalta u l-monti tas-Sibt filgħodu f'Misraħ San Ġakbu. Minkejja dan Transport Malta kienet ħarġet in-*no objection* tagħhom mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Kunsill, u l-Kunsill kellu sussegwentament joħroġ il-permess lis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Dan wassal għal ħafna kummenti negattivi fuq il-midja soċjali. Is-Sindku qal li kien talab laqgħa urġenti msc-CEO ta' Transport Malta minħabba dawn in-nuqqasijiet.

590.2.11 Fis-6.25 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

590.2.12 Sabiex titnaqqas l-inkonvenjenza għar-residenti, is-Sindku qal illi kien wasal fi ftehim ma' Infrastruttura Malta sabiex ix-xogħol ta' tarmak madwar ir-*roundabout* li hemm bejn Triq tal-Labour u Triq Bormla kien ser jingħata matul il-lejl.

590.2.13 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien f'komunikazzjoni mal-Arċipriet u ma' Infrastruttura Malta sabiex b'mod temporanju, fl-okkażjoni ta' Ħadd in-Nies jinfetaħ l-aċċess ta' Triq il-Kbira minn Triq l-Immakulata Kunċizzjoni sa Triq il-Kunvent sabiex tgħaddi l-purċissjoni. Is-Sindku żied jgħid li f'każ li dan ma jseħħx l-Arċipriet kien infurmat biex il-purċissjoni ta' Ħadd in-Nies tgħaddi minn Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, tinżel minn Triq il-Kunvent u tgħaddi minn Triq il-Kbira.

590.2.14 Is-Sur Joseph Agius irrefera għax-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq il-Mina ta' Hompesch fil-viċinanzi ta' Triq Villabate. Is-Sur Agius qal illi kien sar tħaffir ta' trinek, ingħata l-konkos iżda t-triq baqgħet mingħajr asfalt. Is-Sindku spjega li kien sar xogħol mill-Korporazzjoni Enemalta u mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u żied jgħid li kellu nformazzjoni li l-Korporazzjoni Enemalta kienet qed tirranġa t-trinek tagħha lokalità wara l-oħra.

590.2.15 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi allokati mir-Reġjun Port sabiex isir żvilupp u titjib tal-latrini pubbliċi. Is-Sindku qal li l-finanzjament ta' parti mix-xogħlijiet li ser isiru fil-latrina pubblika li hemm fi Triq iċ-Ċawsli kien ser jiġi ffinanzjat mill-*Planning Funds*. Barra minnhekk is-Sindku nforma lill-membri preżenti li bħalissa kien għaddej il-proċess ta' evalwazzjoni tas-sejħa tal-offerti tax-xogħlijiet ta' titjib fil-latrina pubblika ta' Triq iċ-Ċawsli (ZLC 3/2023). Is-Sindku qal illi l-Kunsill jista' jibbenefika minn fond ta' madwar €36,000 mir-Reġju Port u ppropona li jsir xogħol ta' titjib fil-latrini tan-nisa u tal-irġiel li hemm fi Ġnien il-Kunsill billi jsir tibdil tas-sevizzi, manutenzjoni tal-bjut, tibdil tal-madum u tal-bibien. Is-

Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-fond ta' €36,000 kienx biżżejjed biex isiru dawn ix-xogħlijiet u żiedet tgħid li dawn il-latrini kienu ġew irranġati kompletament madwar ħames snin ilu. Is-Sindku qal illi dawn il-fondi kienu biżżejjed biex isir dan ix-xogħol. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jsir xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni tal-latrina pubblika fi Ġnien il-Kunsill permezz tal-fondi disponibbli mir-Reġjun Port.

590.2.16 Is-Sindku qal illi l-Kunsill setgħa jibbenefika wkoll minn fond ta' €6,000 sabiex jiġu nstallati cameras CCTV fil-lokalita` permezz tar-Reġjun Port. Is-Sindku spjega li dawn il-fondi kienu disponibbli biss għall-ispejjeż tal-*cameras*. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill japplika għal dawn il-fondi u jinstalla *cameras* CCTV f'postijiet fejn hemm disponibbiltà ta' elettriku bħal Triq Ġużeppi Pace, Triq Santa Duminka, l-ex venda ta' Triq is-Santwarju u f'postijiet fejn m'hemmx disponibbiltà tal-elettriku bħal Misraħ San Ġakbu u Triq Salvu Pulis isiru bis-*solar panels*. Is-Sindku qal li barra minn hekk hemm bżonn li jiġi nstallat is-servizz tal-*internet* sabiex isir moniteraġġ mil-LESA jew minn fuq mobajl. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill kienx lest li jħallas dawn il-kontijiet tal-*internet* li jammontaw għal madwar €50 għal kull sit fix-xahar minħabba li dawn il-fondi jridu jitnaqqsu minn vot ieħor. Is-Sindku semma li kien qed jipprova jinnegozja pakkett vantaġġjuż. Is-Sur Joseph Agius qal li permezz tal-*cameras* kien ser jonqos il-vandaliżmu. Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jiġu nstallati CCTV *cameras* fil-lokalità minħabba li r-residenti ilhom jitolbuhom. Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mas-CEO tal-Lesa kien intleħaq ftehim li l-Kunsill jingħata għoxrin (20%) fil-mija mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet li jingħataw permezz ta' dawn il-*cameras*. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk kienx hemm xi korrispondenza mingħand ic-CEO tal-Lesa dwar dan il-ftehim. Is-Sindku żied jgħid li kien ser jiġi iffirmat kuntratt sabiex isir moniteraġġ taż-żoni magħżula permezz tal-*cameras*, mal-Lesa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jinstalla *cameras* CCTV permezz tal-fondi disponibbli mir-Reġjun Port.

590.2.17 Is-Sindku rrefera għat-talba mibgħuta mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi organizzat kunċert ta' marċi funebri nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu, 2024. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza il-kunċert ta' marċi funebri flimkien mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, liema spiża għandha tkun ta' €1,000 VAT inkluż.

590.2.18 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien ser jorganizza attività għal Jum il-Mara, fl-Arka ta' Noè, is-Siġġiewi. Is-Sindku talab li l-Kunsill iħallas l-ispiża relatata mat-trasport u l-ispiża tal-kantant magħruf Renato. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attività fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara.

590.2.19 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet ġibdet l-attenzjoni ta' wħud mill-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill li jagħmlu xogħol manwali fuq barra tal-uffiċju, dwar nuqqas ta' konformità tal-ħinijiet tax-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li ġie nnutat li kien hemm xi wħud minnhom li ma laqgħux din it-twissija bit-tajjeb.

**590.3 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

590.3.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto kumitat.

**590.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

590.4.1 Is-Sur Joseph Agius rrefera għad-dħul mill-attività tal-*coffee morning* kif ukoll għall-kont li kien hemm inkluż fl-iskeda ta' pagamenti relatat mad-divertiment tal-istess attività u staqsa jekk il-Kunsill kienx attwalment daħħal dawn il-fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li d-dħul ta' din l-attività daħal kollu fil-kotba tal-Kunsill u l-ispejjeż relatati ma' din l-attività kienu ser jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet x'ser isir mil-flus f'każ li jkun hemm profit. Is-Sindku qal illi huwa tal-opinjoni li dawn il-flus jintefqu fuq proġetti soċjali.

590.4.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Diċembru 2023 u d-29 ta' Jannar 2024 li kienet tammonta għal €74,454.72.

**590.5 Jum Ħaż-Żabbar**

590.5.1 Is-Sindku tkellem dwar il-preparamenti ta' Jum Ħaż-Żabbar u qal illi s-serata kienet ser tkun *standing* u li kien ser ikun hemm is-sehem ta' *band* mużikali. Is-Sindku qal illi kien ser jingħata ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Mark Agius għad-dekasteru tal-Inklużjoni Soċjali, filwaqt li kien ser jingħata ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Jean Pierre Mifsud għad-dekasteru tal-Kultura. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti Ċertifikat ta' Ħajr lis-Sur Mark Agius u lis-Sur Jean Pierre Mifsud.

590.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li mhux l-individwi kollha nominati għal Jum Żabbar kienu pprovdew is-CV tagħhom jew ikkonfermaw l-aċċettazzjoni tagħhom. Din il-kwistjoni kienet qed ixxekkel il-preparamenti għal dan il-jum.

590.5.3 Is-Sur Joseph Agius staqsa mingħand min ġie ordnat l-ikel għar-riċeviment ta' Jum Ħaż-Żabbar. Is-Sindku wieġeb li l-ikel ġie ordnat mingħand in-Nannu Barun.

**590.6 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021)

590.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021) kien ser jiskadi fit-8 ta' Ġunju, 2024 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Is-Sindku talab lill-membri preżenti l-opinjonijiet tagħhom dwar is-servizz offrut mill-kuntrattur. Is-Sindku ssuġġerixxa li, jekk il-Kunsill jaqbel, qabel jiddeċiedi dwar it-tiġdid ta' dan il-kuntratt, ikellem lil koperattiva ġdida dwar il-possibilità li jagħtu dan is-servizz. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan is-servizz kien jiswa aktar minn €5,000 u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jagħmel *direct order* u xorta jkunu jeħtieġ il-proċess ta' sejħa għall-offerti. Is-Sindku ppropona li jkellem lill-Koperattiva l-ġdida biex jara jekk ikunux lesti li joffru s-servizz b'anqas minn €5,000, jekk il-Kunsill jaqbel. Barra minn hekk, is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat l-importanza li d-deċiżjoni dwar dan il-kuntratt għandha tittieħed fil-laqgħa li jmiss f'każ li l-Kunsill jaqbel li din id-deċiżjoni tiġi posposta. Dan peress illi f'każ li l-Kunsill jiddeċiedi li joħroġ sejħa għall-offerti għandu jkun hemm biżżejjed żmien sakemm jitlesta l-proċess tas-sejħa għall-offerti. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx sodisfatt mis-servizz tal-kuntrattur attwali. Is-Sindku qal li hu ma kienx sodisfatt u ppropona li l-Kunsill joħroġ *default notice* lill-kuntrattur preżenti. Is-Sindku żied jgħid li din mhix l-ewwel *default notice* mogħti lill-istess kuntrattur u spjega li wara l-ewwel *default notice*, il-kuntrattur naqas milli jirranġa n-nuqqasijiet u minflok bagħat ittra legali. Is-Sindku spjega li d-*default notice* għandha tingħata minħabba li l-kuntrattur ma kienx qed iwettaq l-obbligi tiegħu kif stipulat fil-kuntratt, fosthom nuqqas ta' tisqija, nuqqas ta' tindif u tħawwil ta' fjuri u arbuxelli, nuqqas ta' żbir tas-siġar u anke minħabba l-fatt li ħafna mill-pjanti kienu mietu minħabba nuqqas ta' tisqija, inkluż siġra taċ-ċikas li kienet tħawwlet mill-istess kuntrattur. Is-Sur Mark Grech talab biex ikun jaf l-isem tal-kuntrattur minħabba li jista' jkollu kunflitt ta' nteress. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur kien is-Sur Christopher Bonello. Is-Sur Mark Grech iddikjara li kellu kunflitt ta' nteress dwar din id-deċiżjoni u għalhekk talab li jkun skużat sakemm tiġi diskussa din il-materja u sabiex ma jieħux sehem f'din id-diskussjoni u fid-deċiżjoni. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ *default notice* minħabba r-raġunijet imsemmija aktar qabel. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li d-deċiżjoni dwar jekk il-Kunsill iġedditx il-kuntratt għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021) jew le għandha tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

- **Servizz ta' *Accountant* u *Accountant Technician* mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar (ZLC 2/2022)**

590.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt għas-Servizz ta' *Accountant Technician* mal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar (ZLC 2/2022) li għandu ma' GCS Accounting Malta Limited, kien ser jiskadi fit-30 ta' Ġunju, 2024 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur

Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

**590.7 Ċirkulari Numru SPI/SCI/1/2024 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025**

590.7.1 Is-Sindku rrefera għall-iskema SPI/SCI/1/2024 - Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jissottometti applikazzjoni sabiex isir xogħol ta' restawr fil-Mitħna ta' Bir Għelliem. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx ser jirrestawra xi statwi permezz ta' din l-iskema. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li talbiet sabiex isir xogħol ta' restawr fuq bini pubbliku jew monumenti li ġew devoluti kif ukoll bini residenzjali privat ma jiġux aċċettati. Is-Sindku qal li l-Mitħna ta' Bir Għelliem ma kinitx proprjetà privata. Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jissottometti applikazzjoni sabiex isir xogħol ta' restawr fil-Mitħna ta' Bir Għelliem.

590.7.2 Is-Sindku semma l-ħtieġa li jsir xogħol ta' restawr tal-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja li hemm fi Triq is-Santwarju kantuniera ma' Triq il-Kbira kif ukoll tal-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni li hemm f'Misraħ San Ġakbu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'każ li dawn l-istatwi huma proprjetà tal-Knisja, il-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol ta' restawr permezz tal-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi kien ser iġib dokumentazzjoni li juru li dawn l-istatwi kienu monumenti storiċi u ma kinux proprjetà tal-knisja.

**590.8 Ittri legali**

590.8.1 Ma kienx hemm ittri legali.

**590.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

590.9.1 Is-Sur Mark Grech staqsa f'hix kien wasal il-proċess tal-applikazzjoni sabiex jiġu nstallati *bollards* fi Triq tal-Labour. Is-Sur Mark Grech semma li kien ittieħed vot demokratiku u talab aġġornament. Is-Sindku qal li kien hemm komunikat ma' Transport Malta u semma pjanijiet biex tiġi utilizzata CCTV *camera* li ser titwaħħal fi Triq Salvu Pulis biex jinħarġu ċitazzjonijiet meta jkun hemm *double parking* fi Triq tal-Labour. Is-Sur Mark Grech talab lis-Sindku jibgħat kopja tal-korrispondenza fejn ġie deċiż dan kollu ma' Transport Malta. Is-Sindku qal illi dan il-komunikat kien sar waqt laqgħa u din id-deċiżjoni ġiet ikkomunikata verbalment. Is-Sur Mark Grech talab lis-Sindku jitlob lill-entitajiet konċernati sabiex jibgħatu jinfurmaw lil-Kunsill b'mod formali b'din id-deċiżjoni.

590.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg nforma lill-membri preżenti li fid-29 ta' Frar, 2024 u fit-2 April, 2024 kien ser jorganizza attivitajiet għall-anzjani. Is-Sindku qal illi għalissa

kien ser japprova biss il-ħarġa tad-29 ta' Frar u żied jgħid li l-attività t' April għandha tiġi diskussa aktar 'il quddiem minħabba tħassib dwar il-fondi matul l-attivitajiet tal-anzjani. Is-Sur Joseph Buttigieg esprima tħassib tiegħu u enfasizza li jekk l-attività t'April ma tiġix approvata f'qasir żmien, ma jkollux biżżejjed żmien biex jorganizza u jissotometti l-permessi meħtieġa lill-*Malta Gaming Authority.* Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li s-Sur Joseph Buttigieg kien preżenta lill-Kunsill €129 bħala dħul mill-biljetti tal-attività tal-anzjani li saret f'Diċembru 2023. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi huwa ma jkollux profit mit-tombla. Emedati

590.9.3 Is-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra staqsiet meta kienu ser isiru s-sinjali taż-żebgħa fi Triq Lia.

590.9.4 Is-Sur Joseph Agius ippropona li l-Kunsill jiltaqa' u jiddiskuti l-pjanti mibgħuta minn Transport Malta dwar il-ftuħ tat-triq fiż-żona tal-fataħ. Is-Sindku qal illi l-Kunsill diġa iddiskuta din il-materja u approva l-pjanti proposti matul laqgħa tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn il-pjanti kienu nġiebu għall-attenzjoni tal-pubbliku fuq il-midja soċjali tal-Kunsill.

590.9.5 Is-Sur Joseph Agius qal illi meta tlestiet Triq Wied il-Għajn, l-ispralli li hemm fuq il-bankina biex jiġbru l-ilma tax-xita kellhom il-kurduna għolja u ħafna mill-ilma ma kienx qed jingabar kif meħtieġ. Is-Sindku qal illi kien ser jgħaddi rapport lil Infrastruttura Malta dwar dan il-każ.

590.9.6 Is-Sur Joseph Agius irraporta li fi Triq l-Inkurunazzjoni, Sqaq numru 5 kien ħadem xi ħadd bil-gaffa u għamel ħsara fl-isqaq.

590.9.7 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li kien irċieva mingħand residenti li joqgħodu f'Misraħ is-Sliem, Sqaq Numru 1 sabiex issir bankina maġenb il-maħżen tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel. Is-Sindku qal illi diġa kien hemm bankina f'dan l-isqaq. Is-Sur Joseph Agius qal illi f'dan l-isqaq kienu qed jipparkjaw il-vetturi u talab biex il-Kunsill jagħmel *bollard* f'tarf l-isqaq. Is-Sindku qal illi dan mhux possibli minħabba li f'dan l-isqaq kien hemm entratura ta' garaxx. Is-Sindku spjega li kien hemm il-*hatching lines* u *loading/unloading bay* f'dan l-isqaq u żied jgħid li r-residenti għandhom jagħmlu użu mill-bankina. Is-Sur Joseph Agius talab li jsir infurzar f'dan l-isqaq għall-karozzi li jipparkjaw fuq il-*hatching lines.*

590.9.8 Is-Sinjura Anna Calleja qajmet tħassib dwar is-sigurtà għas-sewwieqa fir-rigward tal-intersezzjoni ta' Triq San Ġużepp u Triq Ħadd in-Nies, u enfasizzat li jkun hemm vetturi li jduru sparati għal Triq Ħadd in-Nies. Is-Sindku qal illi f'din it-triq kien hemm diversi *road humps* sabiex jonqos is-sewqan eċċessiv. Is-Sinjura Anna Calleja qalet illi ma kienx hemm *road humps* viċin Triq Ħadd in-Nies. Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa ta' azzjoni biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni u li jtejbu s-sigurtà u jnaqqsu r-riskju ta' inċidenti.

590.9.9 Fis-7.18 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

590.9.10 Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-ħtieġa li jitwaħħu *dog bins* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Infrastruttura Malta kienet neħħiet id-*dog bins* meta saru x-xogħlijiet infrastrutturali f'din it-triq.

590.9.11 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta kien ser jitwaħħal *bus shelter* fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku qal illi kienet ser issir komunikazzjoni mal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jara f'hix wasal il-proċess.

590.9.12 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għall-kuntrattur li qed jagħmel is-sinjali tal-marki tal-karreġjati fi Triq il-Qalb Imqaddsa u semmiet il-ħtieġa li jsiru s-sinjali fil-kantuniera ma' Triq Santa Duminka. Is-Sindku qal illi dawn l-i*stop signs* kienu ser isiru max-xogħlijiet taż-żebgħa wara li jitlesta x-xogħol infrastrutturali fi Triq Santa Duminka.

**590.10 Mozzjonijiet**

590.10.1Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**590.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

590.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 27 ta' Frar, 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

590.11.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.22 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-595 laqgħa li saret nhar it- Tlieta 27 ta' Frar, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku